MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 141/2003

**Frank Scicluna**

**vs**

**Anne Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Marzu tas-sena 2003 li**
**permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi fi zmien qasi r u perentorju li jigi prefiss minn dina l-qorti tirritorna l-ghamara,**

**proprieta' ta' l-attur li tinsab fil-pussess taghha, u fin-nuqqas l-istess attur jigi awtorizzat jirtira l-istess ghamara taht dawk id-direzzjonijiet li din il-qorti tiddetermina. Ghal fini ta' kompetenza l-valur ma jeccedix elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0);**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-22 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti *rationae valoris* sabiex tisma' u tiddeciedi dwar it-talba ta' l-attur stante li l-valur tal-mobbli *de quo* huwa incert jew indeterminat u ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu 747 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jezorbita l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;**

**2. Illi preliminarjament ukoll, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni *rationae materiae* biex tisma' u tiddeciedi t-talbiet tal-attur stante illi jezorbitaw il-kompetenza taghha a tenur tat-Titolu III tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2155 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti mhix qeghda tiddetjeni fil-pussess taghha mobbli li jappartjenu lill-attur;**

**5. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat il-verbal datat l-24 t'April tas-sena 2003 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari;**

**Rat il-verbal datat it-28 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu ir-rappresentant legali tal-konvenuta, fil-presenza ta' l-istess irtira t-tieni eccezzjoni;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rappresentanti legali tal-partijiet limitatament rigward l-ewwel eccezzjoni;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din l-eccezzjoni preliminari tippostula l-fatt li meta l-valur li jkun il-mertu ta' procedura gudizzjarja jkun wiehed "incert" jew "indeterminat" dan il-valur "ex lege" "jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata";**

**Illi l-artikolu 747 (2) (c) tal-Kap 12 jindirizza dan il-kwezit u jistabbilixxi li l-valur jitqies li dejjem ma jistax jigi determinat meta l-valur tal-haga ma jirrizultax:**

**i. mit-talba ta' l-attur;**

**ii. mill-artikoli sussegwenti ghall-istess artikolu 747 fuq indikat;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-artikolu kompetenti ghall-ahjar risoluzzjoni ta' din il-procedura huwa l-artikolu 761 ta' l-istess Kap;**

**Illi dan jigi risolt billi l-valur incert jista' jigi determinat b'wahda mis-segwenti modalitajiet:**

**i. bi stima ta' perit;**

**ii. b'dikjarazzjoni ta' l-attur li huwa lest li jaccetta somma ta' flus minflok il-haga li jkun hemm kwistjoni fuqha;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li hu principju ta’ ordni pubbliku li ma jkunx hemm proliferazzjoni ta’ proceduri inutili u dipsendjuzi li jkunu ta’ detriment tal-partijiet li jridu jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez li jigu involuti fihom minhabba diskwisizzjoni procedurali, ghalkemm hafna drabi din tista’ ma tkunx inutili;**

**Illi ghalhekk il-preokkupazzjoni tal-konvenuta tista’ tigi xolta kemm-il darba jkun appuntat perit appozitu biex jeffettwa l-istima skond il-ligi;**

**Illi ghalhekk din il-qorti tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta u tiddifferixxi l-kawza ghal-lum stess biex fuq qbil bejn il-partijiet jinhatar perit biex jiddetermina l-valur ta’ l-oggetti meritu tal-procedura odjerna.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------